MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1891/1997/1

**Onor Prim Ministru Dottor Alfred Sant**

**Vs**

**Gordon Pisani**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-23 t' Awissu 1997 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut Gordon Pisani bhala editur ta' l-istazzjon tar-Radju 101 fid-dsatax ta' Awissu 1997, u l-21 ta' Awissu 1997, waqt il-program “101 SAJF” xandar jew ippermetta li jigi mxandar diskors minn semmiegha anonimi kontenenti allegazzjonijiet foloz fil-konfront ta' l-istanti b' mod li attribwilu fatti determinanti bi skop li

joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

Premess illi l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-istess konvenut ta malafama lill-istanti bix-xandira fuq imsemmija bil-ghan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-istanti dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina f' ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira bhala danni u riparazzjoni ta' l-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-13 ta' Novembru 1998, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. In-nuqqas ta' l-*animus injurjandi* da parti ta' l-eccipjent;

2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-affidavits ipprezentati;

Semghet lill-konvenut;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza maghmula mill-avukati difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Fid-Dikjarazzjoni akkompanjanti c-citazzjoni l-attur isostni li hassu malafamat b' fatti falsament attribwiti lilu waqt xandira, f' zewg okkazjonijiet, tal-programm "101 SAJF" fuq l-istazzjon ta' Radio 101. Jirrizulta mit-traskrizzjonijiet (fol. 6 u fol. 8) illi fil-kors ta' dan il-programm semmiegha imputaw lill-attur li waqt ikla f' Had-Dingli xorob zewg flixken inbid, nofs flixkun whisky biex jehles mill-problemi, raqad fuq il-mejda, u habat tliet darbiet bil-karozza meta kien fi stat ta' sokor;

L-attur, sostenut mix-xhieda tieghu Anton Cassar (fol. 28), Joe Borg (fol. 33) u Felix Agius (fol. 35), oltre li jizmentixxi s-suesposti fatti addebitati lilu, u hekk kwalifikati bhala qlajjiet u gideb, isostni illi hu hassu skandalizzat bil-mod kif il-fatti gew xjentement imghawga biex jaghtu impressjoni falza ta' dak li kien qed jaghmel (fol. 31);

Dan premess, indubbjament, l-attur bhala persuna li tokkupa kariga pubblika hija esposta ghall-kritika ta' l-operat u tal-kondotta taghha. Dan minhabba l-posizzjoni ta' fiducja pubblika li tokkupaha. "*One who undertakes to fill a public office offers himself to public attack and criticism, and it is now admitted and recognized that the public interest requires that a man's public conduct shall be open to the most searching criticism*" ("**Manitoba Press Co. -vs- Martin**", 1892 u "**Cameron -vs- Consolidated Press Ltd**", 1940);

Issokta jigi precizat mill-**Gatley** ("On Libel and Slander", Seventh Edition, pagna 734) "*The private character and conduct of a person who fills a public office or takes part in public affairs may also be the subject for fair comment*

*in so far as it has reference to or tends to throw light on his fitness to occupy the office or perform the duties thereof, but not otherwise.*";

Issa filwaqt li hu rikonoxxut li figura pubblika tista' tkun soggett ta' kritika, anke harxa, daqstant iehor hu rikonoxxut, taht il-profil sostanzjali, illi ma ghandux ikun hemm eccess tal-limiti ta' dak strettament necessarju ghas-sodisfaciment ta' l-interess pubbliku. In effetti, ma jidherx li qatt kienu tollerati attakki, jew gudizzji ta' disvalur, fuq l-unur u r-reputazzjoni anke ta' persuni pubblici, specjalment meta l-fatt rakkontat ikun bla bazi, impertinenti u 'l-boghod mill-korrettezza formali ta' l-esposizzjoni. Ara, b' ezempju, sentenzi fl-ismijiet "**Joseph G. Vassallo -vs- Paolo Pace**", Appell Kriminali, 17 ta' Jannar 1951 u "**Onor. Seg. Parl. Joe Fenech -vs- Evarist Bartolo**", Appell, 8 ta' Gunju 1999;

L-inosservanza tal-limiti tutelabbli ta' l-unur, kombacjat man-nuqqas ta' prova ta' l-imputazzjonijiet addebitati jirrendu certament inapplikabbli kwalsiasi tentattiv ta' skriminanti u, anzi, tobbliga lill-awtur tal-fatt jew lil min hu responsabbli ghar-rizarciment tad-danni;

Fil-kaz in ezami l-konvenut jittanta jiskolpa ruhu mhux bid-difiza tal-"*fair comment*" u tal-verita` tal-fatti imma li hu ma kellux "*animus injurandi*". Fix-xhieda tieghu l-konvenut jispjega ruhu li Radio 101 li tieghu hu kien l-editur registrat fl-epoka in kwestjoni, qatt ma ha paternita` tat-telefonata li saritlu tant li l-intervent ma giex pubblicizzat jew bhala parti mill-ahbarijiet jew bhala *feature*;

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa t-traskrizzjonijiet taz-zewg xandiriet li saru fid-19 u fil-21 ta' Awissu 1997 u ssib li min kien qed jikkonduci l-programm mhux biss ittollera dak li nghad fit-telefonati talli addirittura invita lill-ewwel semmiegh biex jerga' jcempillu lura wara li t-telefonata kienet interrotta. Mhux hekk biss. L-istess konducent tal-programm fit-tieni okkazjoni esprima b' kumment li d-

domanda fuq l-informazzjoni moghtija kienet “interessanti”. Informazzjoni din li kienet tpingi lill-attur bhala persunagg irresponsabbli u jixrob biex jahrab mill-problemi. Altru allura milli ma kienx hemm l-”*animus injurandi*”;

Riferibilment ghall-kontenut tar-reputazzjoni hekk formata u maghrufa fil-kuxjenza socjali, u, cjoe, ghall-konsiderazzjoni li kull bniedem ikollu tar-reputazzjoni u amor proprju tieghu fost il-konsacjati ohra l-lezjoni ta’ l-istess reputazzjoni tinsab “*in re ipsa*” tal-kliem li ntqal u li jnaqqsu l-gieh u l-istima tieghu f’ ghajnejn il-pubbliku in generali;

“Kif deciz in re ‘**Bartolo -vs- Mizzi’** (Appell, 30 ta’ Marzu 1936) l-attur ma kellux jaghmel haga ohra biex isostni d-domanda tieghu hlief li jipprova li l-artikolu hu ingurjuz. Maghmula din il-prova huwa dmir tal-konvenuti li jikkonbattuha bil-mezzi permessi mil-ligi biex jevitaw il-konsegwenzi ta’ l-agir taghhom. Mhux necessarju li jigi rintraccjat l-‘*animus injurandi’* meta l-espressjonijiet adoperati huma fis-sens komunement uzati ingurjuzi (**Kollez. Vol. XXV P IV p 912**) u ghall-finijiet ta’ ingurja huma bizzejjed li wiehed ikun jaf li dak li qieghed jigi divulgat jista’ jaghmel hsara lir-reputazzjoni ta’ haddiehor.” (“**Avv. Dr. Enrico Mizzi -vs- Emmanuel Cossai et**”, Appell Civili, 21 ta’ Marzu 1949);

Meta allura l-kliem huma *per se* ingurjuzi, allura hemm il-presunzjoni li wiehed ikun qieghed jiddivulga proposizzjoni infamanti. Tali presunjzoni hija naturalment “*juris tantum*” u ssehh “*donec probatur contrarium*”. Li jfisser f’ dan il-kaz li l-konvenut hu mghobbi bil-piz li jeskludi l-”*animus injurandi*”. Ara **Kollez. Vol. XLV P IV p 972** u “**Onor. Prof. John Rizzo Naudi -vs- Felix Agius et**”, Appell, 13 ta’ Mejju 1997;

Fic-cirkustanzi emergenti minn ezami tat-traskrizzjonijiet ma jidherx li l-konvenut irnexxielu jiskarika l-oneru mpost fuqu li jirribatti l-presunzjoni. Dan, aktar u aktar, meta tqis li l-kliem ingurjuz mhux biss ma giex disdett izda wkoll

Radio 101 ippersista fl-atteggjament offensiv meta invita lis-semmiegha ohra jirrepetu l-malafama f' aktar minn okkazjoni wahda. Rettament valutati fl-isfond tal-kumpless ta' l-akkadut ma jistax jinghad li l-konvenut iddistakka ruhu mill-kontenut tal-kliem inveritieri u tal-fatti malafamanti fil-konfront ta' l-attur. Il-kliem ma kinux limitati biex jipprovdu semplici informazzjoni izda invece mahsuba li jghaddu valutazzjoni personali mhux fil-limiti oggettivi fissati mil-logika koncettwali izda purament bhala attakk virulenti ta' l-unur u tal-karattru ta' l-attur intiz li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz. Flok ikkorrega jew iccensura, il-konvenut inkoragixxa li jsir dan l-attakk;

Il-Qorti tqis li dan l-attakk ingurjuz kien potenzjalment gravi, kostitwit minn diminuzzjoni jew privazzjoni ta' valur (anke jekk mhux necessarjament patrimonjali) tal-persuna umana ghal liema r-rizarciment tad-dannu jrid jigi kommizurat. Kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmel Tonna *et* -vs- Felix Agius *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef J. Said Pullicino, 23 ta' Marzu 1993, "dawn id-danni m' ghandhomx jigu likwidati '*in vacuo*', imma ghandhom jigu relatati mal-hsara li l-kitba ingurjuza setghet potenzjalment tikkreja lil-libellati jew li tkun attwalment ikkagunatilhom danni li mhux necessarjament ikunu materjali u reali, imma jistghu jkunu wkoll ta' indole morali u astratta, in kwantu jolqtu l-unur u l-fama.";

Fil-kaz in ezami dawn id-danni ma jistghux, fil-fehma tal-Qorti, konsiderata n-natura ta' l-offiza u tad-diffamazzjoni, ikunu moderati. Ghalhekk din il-Qorti ragonevolment qed tillikwidahom fl-ammont ta' elf u hames mitt lira (Lm1500).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, respinta l-eccezzjoni, takkolji l-ewwel domanda ta' l-attur u tiddikjara li l-konvenut ta malafama lill-attur bix-xandiriet tad-19 ta' Awissu 1997 u l-21 ta' Awissu 1997 fuq Radio 101;

Konsegwentement tilqa' wkoll it-tieni domanda u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur in linea ta' danni taht l-Att dwar l-Istampa s-somma hawn likwidata ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500);

L-ispejjez gudizzjarji ta' din l-istanza ghandhom jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------